**QORTI CIVILI PRIM’ AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 10 ta' Dicembru 2015**

Numru 13

**Rikors Guramentat Nru. 605/2015**

**Bank of Valletta p.l.c.**
**vs**
**Christian Mallia**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-bank attur tat-23 ta’ Gunju 2015 li jghid hekk:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt, fl-atti tan-Nutar Dottor George sive Jurgen Galea, datat 1 ta' Dicembru 2008 (Dok. "A") u skrittura privata datata 5 ta' Marzu 2009 (Dok. "B"), fejn is-socjeta attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Christian Mallia.

2. Illi s-socjeta attrici tinsab kreditrici ta' Christian Mallia fis-somma ta' tnejn u sebghin elf, hames mija u tletin ewro u dsatax-il centezmu (€72,530.19), bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Consumer Loan Accounts" ta' Christian Mallia mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa C3", Dok. "D1 sa D3" u Dok. "E1 sa E3"), flimkien mal-imghax ulterjuri mill-21 ta' Apri12015 sad-data tal-effettiv pagament.

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn ezibiti bhala Dok. "A" u Dok. "B"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Christian Mallia

(a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skrittura privata (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt u skrittura privata sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Christian Mallia li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hlas Iura tal-imsernmi debitu dovut lis-socjeta attrici.

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenut Christian Mallia gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 12 ta' Settembru 2014, li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok. 'F', sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghid il-konvenut ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u skrittura privata fuq imsemmija (u hawn ezibiti bhala Dok. "A" u Dok. "B"), partikolarment imma rnhux esklussivament, billi Christian Mallia (a) naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skrittura privata (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt u skrittura privata sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Christian Mallia li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici, u

2. Tikkundanna IiI Christian Mallia jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tnejn u sebghin elf, hames mija u tletin ewro u dsatax-il centezmu (€72,530.19), bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Consumer Loan Accounts" ta' Christian Mallia mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa C3", Dok. "D1 sa D3" u Dok. "E1 sa E3"), flimkien mal-imghax ulterjuri mill-21 ta' April 2015 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 12 ta' Settembru 2014 kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tal-bank attur;

Rat in-nota ta’ ammissjoni tat-3 ta’ Dicembru 2015 fejn il-konvenut ammetta t-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors promotur.

**Decide**

Il-Qorti qed tiddisponi mill-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lil konvenut jhallas lil-bank attur l-ammont ta’ tnejn u sebghin elf, hames mija u tletin ewro u dsatax-il centezmu (€72,530.19), bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Consumer Loan Accounts" tal-istess konvenut skont it-talbiet u dokumenti esebiti, flimkien mal-imghax ulterjuri mill-21 ta' April 2015 sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjez ghall-konvenut.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur